# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 409/18/1**

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru: 1908/18
mahrug mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru
2018 fl-ismijiet:

**Vladyslava Kravchenko u ommha Tetyana Gordiyenko**

**v.**

**Kevin Micallef, Alan Bugeja,**
**Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar,**
**Maurice Attard u Stephen Balzan bhala likwidatur**
**u in rapprezentanza tal-kumpanija Sonlit Limited (C 15135)**

1. Dan hu rikors tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(a) u (f) tal-Kap. 12 u dan ghax qed jigi sottomess li l-mandat inhareg minn Qorti mhux kompetenti u fit-tieni lok ghax mhux ragonevoli li l-mandat jibqa' fis-

sehh. Talbu wkoll li l-ammont sekwestrat mill-kont bankarju tal-Kunsill jigi zbankat mill-Kunsill u li s-sekwestrant jigi mghobbi bil-piena mahsuba fl-Artkolu 836(8) tal-Kap. 12.

2. L-atturi appellati kienu intavolaw kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talbu lil dik l-Onorabbli Qorti tiddikjara r-responsabbilita` tal-konvenuti jew min minnhom u konsegwentement tordna l-hlas tad-danni likwidati u pagabbli mill-istess minhabba incident li sehh unikament tort il-konvenuti jew minn minnhom. Dan l-incident sehh fil-ponta tal-Qawra fl-akkwati msejha Ta' Fra Ben, Qawra, meta armar strutturali ta' dawl waqa' fuq ir-rikorrenti Vladyslava Kravchenko waqt avveniment organizzat minn uhud mill-konvenuti bil-konsegwenza li soffriet danni fizici ta' natura gravi u dizabilita` permanenti.

3. Fil-qosor, il-konvenuti f'din il-kawza fosthom l-appellanti kienu eccepew in-nuqqas ta' responsabbilita` taghhom kif ukoll f'certu kazijiet li kellhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju u dan kif deskritti ahjar fir-risposti guramentati taghhom rispettivi.

4. Illi permezz ta' sentenza datata 12 ta' Dicembru 2017, l-ewwel Qorti illiberat lill-konvenut Maurice Attard mill-osservanza tal-gudizzju u kkundannat *in solidum* lill-konvenuti l-ohra ghal hlas tas-somma ta' €463,465.57 in linea ta' danni lill-atturi. Il-konvenuti kollha appellaw mis-

sentenza u l-atturi ghamlu appell incidentali liema appell ghadu pendenti.

5. L-atturi appellati pprezentaw mandat ta' sekwestru fil-mori tal-appell kontra l-intimati kollha ghas-sorte likwidat mill-ewwel Qorti bl-imghaxijiet u spejjez rizervati. Bis-sahha ta' dan il-mandat saru zewg cedoli ta' depozitu:

- Wahda mill-Bank of Valletta plc ghas-somma shiha tas-sorte ta' €463,465.57, li jidher (ghalkemm mhux car mic-cedola nfisha) illi ttiehdu minn kont tal-Kunsill Lokali;

- Wahda mill-HSBC Bank Malta plc ghas-segwenti ammonti mehudin minn kontijiet kif indikati aktar l-isfel:

- Kevin Micallef: €2,264.71
- Sonlit Limited: €2,594.64
- Maurice Attard: €1,568.91
- Alan Bugeja: €7,105.33

6. Il-Kunsill Lokali jissottometti illi l-mandat inhareg mill-Prim'Awla meta l-atti tal-kawza qeghdin quddiem il-Qorti tal-Appell. Billi l-mandat hu accessorju ghal kawza, il-mandat messu ntalab mill-Qorti li quddiemha hemm l-atti. F'kaz ta' mandat ezekuttiv l-ligi taghmel eccezzjoni *ad hoc*

fl-Artikolu 265 tal-Kap. 12 fejn l-ezekuzzjoni ta' sentenza mill-Qorti tal-Appell ma ssirx mill-Qorti tal-Appell izda mill-Qorti tal-ewwel grad. Invece ezekuzzjoni provvizorja ta' sentenza ssir mill-Qorti tal-Appell jekk l-atti jkunu gew introdotti quddiem il-Qorti tal-Appell.

7. Micallef u Bugeja rrimettew ruhhom dwar din it-talba.

8. Is-sekwestranti opponew ghal din it-talba billi sostnew li hi l-Prim'Awla li ghandha l-kompetenza li tilqa' talba ghal hrug ta' mandat kawtelatorju.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

9. Qed tintalab ir-revoka tal-mandat ai termini tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap. 12 li jipprovdi li dan jista' jsir jekk *l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ.* Din il-Qorti tqis li din ir-raguni ta' revoka mhix applikabbli meta tqis ir-raguni li ghaliha ntalbet ir-revoka. Ir-rikorrenti qed jghid li l-ewwel Qorti ma kinitx kompetenti tapprova l-hrug tal-mandat u ghalhekk inhareg invalidament mentri l-Artikolu 836(1)(a) iqis sitwazzjoni fejn il-mandat inhareg validament u ma ghadux aktar fis-sehh.

10. Ghal din ir-raguni biss l-aggravju ghandu jigi michud.

11. Madankollu anki bhala konsiderazzjoni ghall-ilment tas-sekwestrat l-Artikolu 836 jirregola proprjament talba ghal revoka ta' mandat, u mhux talba ghal **hrug** ta' mandat provvizorju kif qed jipprova jattakka l-Kunsill Lokali.

12. L-Artikoli 264 u 265 li saret referenza ghalihom mis-sekwestrat dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija, u mhux fuq hrug ta' mandati kawtelatorji. L-Artikolu 266 tal-Kap. 12 imbaghad jittratta dwar l-ezekuzzjoni provvizorja ta' sentenzi **li** jkunu ghadhom m'ghaddewx in gudikat.

13. Fil-kaz in ezami l-mertu tal-proceduri jikkoncernaw il-hrug ta' mandat kawtelatorju mill-Qorti ta' Prim'Istanza biex jigu kawtelati l-pretensjonijiet tal-intimati Kravchenko u Gordiyenko wara sentenza li giet appellata u mhux ezekuzzjoni jew ezekuzzjoni provvizorja ta' dik is-sentenza.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-mandat kawtelatorju kif mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili huwa wiehed validu u skont il-ligi.

15. Ghalkemm skont l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 talba ghal revoka tal-mandat kawtelatorju in ezami tista' ssir f'dan l-istadju quddiem il-Qorti tal-Appell, il-ligi ma testendix il-fakolta li tohrog mandat kawtelatorju. L-

eccezzjoni fil-fatt tipprova r-regola.

16. Ghalhekk l-aggravju qed jig michud.

17. Ir-rikorrenti jsostnu fit-tieni lok ukoll illi r-revoka tal-mandat ghandha tintlaqa' ghax mhux ragonevoli li jinzamm kollu jew in parti fis-sehh (Artikolu 836(1)(f) Kap. 12). Ir-ragunijiet li jaghtu huma li l-Kunsill hu organu tal-Gvern lokali li ghalih hemm fondi allokati mill-Gvern Centrali, li l-Kunsill hu kopert b'*public liability insurance* u mill-*accounts* tal-Kunsill jirrizulta li ghandu rizervi sostanzjali biex ikopru l-ammont indikat fil-mandat. Bhala fatt is-sorte pretiz mis-sekwestrant u likwidat mill-ewwel Qorti jinsab depozitat fil-Qorti mehud mill-kont bankarju tal-istess Kunsill, in ezekuzzjoni tal-mandat.

18. Kif qalet il-Qorti fil-provvediment fl-ismijiet **Jamar Malta Limited v. Office Group Limited**[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

> *"Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzam" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz";·*

19. Il-Qorti tqis illi l-fatt li l-Kunsill hu organu tal-Gvern lokali u li ghandu kontijiet pubblici solidi b'kont bankarju b'sahhtu ma jpoggix fix-xejn id-dritt li kreditur jikkawtela d-dritt tieghu skont il-ligi li sallum

[1]. 10 ta' Awwissu 2012 fl-atti tar-Rikors Mahluf nru 164/12JRM

hu wiehed li jirrizulta minn sentenza tal-ewwel Qorti bl-ebda pregudizju ghall-appell pendenti. Dawn il-fatti ma jbiddlu xejn mis-sitwazzjoni u c-cirkostanzi mindu ntalab il-hrug tal-mandat u t-talba ghar-revoka. Id-depozitu li sar tal-flus sekwestrati jaghtu lill-kreditur serhan tal-mohh ghal possibli ezekuzzjoni ta' sentenza finali futura b'mod sod, car u facilment realizabbli. Inoltre l-fatt li l-Kunsill ghandu assikurazzjoni ma jfissirx li din id-dikjarazzjoni wahedha hi garanzija li l-assikurazzjoni ser taghmel tajjeb ghal pretensjoni tas-sekwestrant.

20. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud. Ma hemmx lok ghalhekk li tigi konsidrata t-talba tas-sekwestrant Kunsill Lokali ghall-piena mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1908/2018, bl-ispejjez kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm